146

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 19/14-F

**Leonard u Louise Maria Cocks**

**vs**

**Telefonika**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Jannar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' ħames mija u disgħa w disgħin ewro (€599), rappreżentanti *mobile phone* li baqa' bil-problemi minkejja diversi tiswijiet.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *mobile phone* mingħand is-soċjeta' ntimata u wara ftit xhur dan il-*mobile phone* kellu ftit problemi. Illi minkejja li saret it-tiswija u għamel xi żmien għand l-intimat, dan xorta baqa' bil-problemi, u għalhekk irid li jerġa' jinbidel il-*mobile phone*.

L-intimat daparte tiegħu għaraf li kien hemm xi problemi, pero' offra li jbiddel kollox minn ġewwa minbarra l-*cover*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat ta l-*mobile phone* lura lir-rikorrenti bil-*hardware* u s-*software* kollu mibdul.

It-Tribunal, jinnota illi hemm prassi illi meta jinbidel il-ġewwa ta' *mobile phone*, l-*cover* jibqa' l-istess.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u għalkemm diġa' sar, jordna lill-intimat illi jbiddel l-apparat ta' ġewwa pero' għandu jestendi l-garanzija għal sena oħra mil-lum, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**